MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Talba Numru. 2445/2002

***Gasan Enterprises Limited***

***vs***

***John u Anna konjugi Mifsud***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm321.68) rappresentanti l-hlas ta' erba kambjali li gew iffirmati minnhom u li skadew fl-4 ta' Lulju 2002, 4 ta' Awissu 2002, 4 ta' Settembru 2002 u 4 ta' Ottubru 2002, izda li baghqu ma thallsux.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 2002 u tal-parir Lm15.00, u bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta’ attrici fl-24 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza stante pagament fil-mori mill-konvenuti, izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza u dana fid-dawl tan-nota pprezentata mis-socjeta’ attrici fl-24 ta’ Jannar 2003, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ispejjez ta’ din l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Settembru 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------